# Vokazzjonijiet Reliġjużi f'Ħal Kirkop ta' Dari

Kitba ta' Angelo Schembri

**Nota Editorjali**

*Is-snin ħamsin u sittin tas-seklu l-ieħor kienu karatterizzati minn numru kbir ta' vokazzjonijiet reliġjużi fost il-poplu ta' Ħal Kirkop. Insibu li matul dawk l-għoxrin sena madwar 15-il żagħżugħ jew żagħżugħa, warrbu l-frugħat tad-dinja biex jiddedikaw ħajjithom lill-Mulej Sidna. Meta wieħed iqis in-nixfa vokazzjonali li ilha tirrenja f'raħalna għal 27 sena, wieħed ma jistax ma jħossx nostalġija meta jitkellem dwar argument bħal dan. Permezz ta' dawn l-artikli li qed nippublikaw mill-2009 'l hawn, qed insellmu lil dawn il-qalbiena li fis-skiet ta' djarhom jew tal-kunventi min jaf kemm talbu għall-poplu ta' dan raħal twelidhom. Dawn il-bijografiji jagħtu wkoll xhieda li Ħal Kirkop tal-imgħoddi, għalkemm raħal fqir b'konċentrazzjoni ta' xogħol manwali fir-raba jew fil-barrieri, kellu wkoll ulied li mhux biss irnexxew fl-istudji tagħhom, anzi spiċċaw jgħallmu huma u jservu lill-Mulej aktar mill-qrib. Permezz ta' dan il-kontribut, xiexaq li nsellmu lil dawk li ħallewna, u lil dawk lill-Bambin silifhom l-għomor, nawguraw minn qalbna Ad Multos Annos*

## Don Michele Ellul

Fil-ħafna riċerka li saret matul dis-sena għal din il-pubblikazzjoni, ġejt indikat minn Ġulina Busuttil, li madwar 100 sena ilu, kien hawn saċerdot ieħor imwieled Ħal Kirkop u li miet f'età żgħira. Dan il-kliem ma setax jonqos li jnissilli kurżità kbira, għax sal-lum li qed taqraw din il-kitba, dal-qassis la qatt issemma u la qatt inkiteb dwaru! Michele Ellul twieled f'Ħal Kirkop nhar l-4 ta' Jannar 1860 u kien bin Leonardu u Maria Antonia xebba Vella. Huwa tgħammed jumejn wara twelidu fil-Knisja Parrokkjali tar-raħal, mill-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Vella, nhar is-6 ta' Jannar 1860. Ġie ordnat saċerdot 125 sena ilu, fit-18 ta' Diċembru 1886, fi żmien il-parrokkat tal-Kappillan Dun Ġużepp Barbara D.D. Fis-sena 1890, insibu ismu mniżżel fil-lista ta' Koppin li kellhom dritt għall-vot, fil-pubblikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern. Nota maġenb ismu tgħidlek li kien joqgħod fid-dar Numru 8, Strada Maggiore (illum bieb Numru 14). Fil-ħarġa tal-istess Gazzetta tal-Gvern tas-sena ta' wara 1891, Dun Mikiel jidher indikat mal-mejtin. Skont ir-Reġistru tal-imwiet tal-Parroċċa, il-Kappillan Barbara rreġistra l-mewt ta' Dun Mikiel Ellul nhar l-14 ta' Mejju 1891. Dun Mikiel jidher li miet kawża ta' bronkite u ndifen fil-Qabar Numru 5 fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop. Żgur li kienet telfa kbira għal ommu u missieru li kien għadhom ħajjin li jitilfu lil binhom fl-età żgħira ta' 31 sena. Kienet ukoll telfa kbira għall-Kleru u n-nies tar-raħal, li wieħed minnhom imut wara biss 5 snin mindu sar qassis! Hija ħasra li isem Dun Mikiel intesa matul is-snin, iżda bl-għajnuna tal-Kappillan Dun Noel Camilleri u ta' diversi persuni li jaħdmu fl-Arkivju ta' Santu Spirtu r-Rabat, permezz ta' din il-pubblikazzjoni qed nitfgħu daqsxejn dawl fuq iben denn ieħor ta' Ħal Kirkop.



**Dun Mikiel Ellul - Saċerdot Koppi li ġie ordnat 125 Sena ilu.**

## Patri Leonard Chircop OP

Fost l-ulied imsemmija li ħarġu minn dan ir-raħal, mhux ser nonqsu milli nsellmu lil Patri Leonard Chircop li proprju 60 sena ilu ngħaqad mal-Ordni Dumnikan, biex ta ħajtu għall-Predikazzjoni li tiddistingwi lil dan l-Ordni. Franġisku jew aħjar Ċikku Chircop twieled fis-17 ta' Jannar 1931 miż-żwieġ ta' Leonard u Maria nee Debono. Kellu 3 ħutu subien oħra; Benedittu, Salvu u Leonardu. Il-familja kienet toqgħod fi Triq San Nikola.


Patri Leonard Chircop O.P. - 60 Sena fl-Ordni Dumnikan.

Patri Nard jiddeskrivi dan iż-żmien bħala wieħed ta' faqar kbir għal Ħal Kirkop. Kienet tiddomina l-ħajja ta' bidwi b'diversi familji jrabbu l-annimali bħan-ngħaġ u tiġieġ, kemm għall-konsum tagħhom u anke biex ibigħuhom. Huwa ħa l-ewwel tagħlim edukattiv fl-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop, li kienet għadha tinsab fil-post 5/6 Triq Valletta, ftit snin qabel ma din waqgħet bil-ħidma tal-għadu fit-Tieni Gwerra Dinjija. Ir-raba' sena komplieha fl-Iskola Primarja taż-Żurrieq. Minn hemm għadda biex jistudja l-Liċeo kemm tal-Belt u kif ukoll tal-Ħamrun. F'dan iż-żmien ħass il-vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża u qatta 7 snin oħra jistudja u jitħejja għall-ordinazzjoni saċerdotali fil-Kunvent ta' San Duminku r-Rabat. Patri Nard jirrakkonta li din il-vokazzjoni reliġjuża ma kinitx l-ewwel waħda fi ħdan il-familja, għax sa minn żmien qabel diġa kien hemm saċerdot ieħor: Dun Mikiel Ellul li kien jiġi ziju ta' missieru. Patri Nard ħa l-Ewwel Professjoni fi ħdan l-Ordni Dumnikan biex sar dak li llum insejħulu *Brother*, nhar il-25 ta' Novembru 1951, 60 sena ilu, nhar il-Festa tal-Qaddisa Lixandrina Santa Katarina VM, li hija waħda mill-erba' Patruni tal-Ordni msemmi. Hemmhekk ħa l-isem ta' Patri Leonard. Fiż-żmien li qed insemmu kien Kappillan ta' Ħal Kirkop, Mons. Mikiel Spiteri. Imbagħad fis-6 t'April 1957 ġie ordnat saċerdot. Tul dawn is-snin kollha, huwa serva fil-Kunventi tar-Rabat u tal-Belt Valletta u kien jgħallem is-suġġett tar-Reliġjon fuq livell ta' Edukazzjoni Sekondarja.


Franġisku Chircop ta' 13-il sena fl-1944 bħala Student tal-Liċeo.

It-tagħlim kien dejjem għal qalb Patri Nard Chircop, u b'perseveranza kbira kompla javvanza 'l quddiem fl-istudji tiegħu. Ħa l-Lettorat fit-Teoloġija u wara siefer l-Amerika fejn studja l-Psikoloġija u ġab il-*Masters* fl-1976. Dan wasslu biex beda jaħdem bħala Psikoloġista fit-Tribunal taż-Żwieġ fi ħdan il-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, u għadu sa llum b'esperjenza kbira, jaħdem fuq diversi każi.

Erba' snin ilu ċċelebra għeluq il-50 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu permezz ta' quddiesa ta' tifkira li saret l-għada tal-Għid il-Kbir, fil-Knisja Parrokkjali ta' raħal twelidu - Ħal Kirkop. Illum Patri Nard, fl-età sabiħa ta' 80 sena, għadu jagħtu s-servizz tiegħu fil-Parroċċa Dumnikana tal-Madonna tal-Portu Salvu l-Belt permezz tal-Quddiesa ta' kuljum fis-7am u anke jqarar. Permezz ta' din il-kitba nawgura *Ad Multos Annos* lil Patri Nard Chircop u nirringrazzja lilu talli ġentilment laqagħni u pprovdieli din l-informazzjoni u lill-qariba tiegħu Ġulina Busuttil talli għadditilna r-ritratti li qed jidhru ma' dan l-artiklu.

## Suor Ġużeppa Debono

Salvina Debono twieldet minn Ġużeppi u Vincenza nee Grech fil-5 ta' Settembru 1935. Ħutha kienu Ġanni, Salvu, Margerita, Maria, Leli, Leonard, Karmnu u Ġużeppi. Kienu joqogħdu fil-bidu ta' Triq San Leonardu biswit il-Knisja. Salvina ħadet l-ewwel tagħlim tagħha fl-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop u f'żogħżitha ħasset il-vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża li wasslitha biex fl-età żgħira ta' 19-il sena ingħaqdet mal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù. Din il-Kongregazzjoni mwaqqfa minn Madre Maria Tereża Nuzzo, sentejn biss qabel, fl-1952, kienet għadha kemm fetħet kunvent f'Ħal Kirkop li għadu sal-lum fil-Misraħ. Il-wasla ta' dawn is-sorijiet twajba f'Ħal Kirkop, kienet strumentali biex Salvina li mbagħad ħadet l-isem ta' Suor Ġużeppa, tagħżel din il-għaqda reliġjuża biex tingħaqad magħha. Suor Ġużeppa Debono daħlet Soru f'Settembru 1954,


Suor Ġużeppa Debono - 57 sena fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù.


Mix-xellug għal-lemin: Margerita Debono u oħtha Suor Ġużeppa flimkien mal-kuġini tagħhom Doris u Ċikka Grech f'ritratt li ttieħed ftit taż-żmien wara li daħlet soru.

fiż-żmien li r-raħal kien immexxi mill-Kappillan Dun Pawl Farrugia. Hija dlonk ġiet mitluba biex issiefer l-Italja biex twettaq ħidma pastorali fost is-seminaristi f'Monza, qrib Milan. Hemmhekk damet 15-il sena u matul das-snin żaret Malta darbtejn biex tingħaqad lura mal-familja għal ftit granet. Darba minnhom ġiet għall-Festa ta' San Ġużepp. Il-Festa ta' dal-Kbir Patrijarka hija marbuta mill-qrib mal-familja ta' Suor Ġużeppa. Ommha Ċensa u zijietha Rosaria u Duminka kienu qaddejja tal-Kappillan ix-Xiħ Dun Ġużepp Barbara D.D., filwaqt li aktar tard żewġ ħutha Salvu u Ġużeppi servew bħala Presidenti tas-Soċjetà Ġużeppina. Suor Ġużeppa ġiet lura Malta mill-Italja fl-1969 u serviet fil-kunventi taż-Żurrieq, Żejtun, l-Imsida u l-Marsa. Ftit tas-snin ilu, flimkien ma' sorijiet oħra, hija ċċelebrat aktar minn 50 sena ta' ħidma permezz ta' quddiesa ta' ringrazzjament iċċelebrata mill-Arċisqof Pawlu Cremona. Illum il-ġurnata Suor Ġużeppa Debono fl-età sabiħa ta' 77 sena, hija residenti fil-Kunvent ta' Birkirkara.


Ritratt ta' Suor Ġużeppa li tinsab fuq il-lemin flimkien ma' sorijiet oħra u xi tfal li kienu jieħdu ħsieb, ftit taż-żmien qabel ġiet lura Malta mill-Italja